# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 12 ta' Novembru, 2001**

**Numru**

**Avviz numru: 812/01mm**

**Dereco Stores Limited gja Derek Cold Stores Limited**

**vs**

**St Andrews Hotels Limited**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' elfejn, mija u tlieta u tletin lira Maltin u hdax-il

centezmu (Lm2133.11) rapprezentanti ammont bilancjali dovut lis-socjeta' attrici ghall-merkanzija mibjugha u ikkonsenjata lis-socjeta' konvenuta gewwa l-Halland Hotel.

Bl-ispejjez tal-prezentata ta' l-Avviz, tal-ittra bonarja tal-25 ta' Lulju, 2001, tal-ittra ufficjali tal-21 ta' Awissu, 2001, u bl-imghax legali mill-1 ta' Dicembru, 2000, data ta' l-ahhar konsenja, kif tidher fl-istatement anness 'Dok. A', sal-pagament effettiv kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx, la fil-5 ta' Novembru, 2001, meta gewipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.